

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "GITANA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 14, 16, 18, 21, 24, 25, 34 sa 36 u 38 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 3063344

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: Ir-reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 1609312 tat-trade mark figurattiva "KITANA", għal prodotti fil-klassi 25; Ir-reġistrazzjoni għal trade mark internazzjonali Nru W00555706 tat-trade mark figurattiva "KITANA", għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25; Ir-reġistrazzjoni għal trade mark Taljana Nru 531768 tat-trade mark figurattiva "KITANA", għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja parzjalment miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni parzjalment annullata u appell miċħud għall-kumplement

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ikkonstata b'mod żbaljat l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2011 — Unipol Banca SpA vs UASI — Union Investment Privatfonds (unicard)

(Kawża T-574/11)

(2012/C 6/42)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Unipol Banca SpA (Bologna, l-Italja) (rappreżentanti: P. Costa u P. Creta, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Union Investment Privatfonds GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Lulju 2001 mit-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI fi tmiem proċediment Nru R 0597/2010-2 imressaq fl-14 ta' April 2010 mill-Union Investment Privatfonds GmbH u, konsegwentement

— tilqa' l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 005240080, ippreżentata fit-18 ta' Lulju 2006, li għandha bħala suġġett is-sinjtal *unicard*, b'mod partikolari għal servizzi fil-klassi 36 tal-Ftehim ta' Nice.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva "unicard" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5.240.080) għal servizzi fil-klassi 36

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Union Investment Privatfonds GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: trade marks verbali Ġermaniżi "UNIFONDS" (Nru 991.995), "UNIGLOBAL" (Nru 991.996) u "Unigrant" (Nru 301 38 306.5), għal servizzi fil-klassi 36.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni miċħuda

Motivi invokati: applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljati tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2011 — Akhras vs Il-Kunsill

(Kawża T-579/11)

(2012/C 6/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Tarif Akhras (Homs, is-Sirja) (rappreżentanti: S. Ashley u S. Millar, solicitors, D. Wyatt, QC, u R. Blakeley, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-punt 3 tat-tabella A tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;